MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1099/2006

Dottor Michele **MARTONE** f'ismu proprju u bħala prokuratur speċjali tal-assenti Massimiliano Martone, fil-kwalita' tagħhom ta' *majority shareholders* fis-soċjeta' Malta & Europe Hotels Limited (C-422)

vs

Raymond **GATT** f'isem u in rappreżentanza tad-ditta "*Gatt Galea & Co*", fil-kwalita' pretiża tagħha ta' Kontrollur tas-Soċjeta' Malta & Europe Hotels Limited (C-422); u l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-7 ta' Diċembru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi fil-kwalita' tagħhom premessa talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-ħatra tad-ditta mħarrka Gatt Galea & Co bħala kontrollur tal-kumpannija Malta & Europe Hotels Limited ma tiswiex u ma jista' jkollha l-ebda effett ladarba bil-liġi kontrollur ta' kumpannija jista' jkun biss persuna fiżika u, f'kull każ, l-imsemmija ditta mħarrka la hija persuna legali u lanqas hija korp ġuridiku; (b) f'każ li l-ewwel talba ma tintlaqax jew b'mod sussidjarju għaliha, issib li l-ħatra tal-imsemmija ditta mħarrka bħala kontrollur tal-kumpannija Malta & Europe Hotels Limited hija waħda abbużiva għaliex, fid-dawl tal-kuntratt pubbliku tal-4 ta' Diċembru, 1998, fl-atti tan-Nutar Romina Bartolo Buontempo, kull dejn li l-istess kumpannija kellha mal-*Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited* u l-kumpanniji miegħu assoċjati kien tħallas għas-saldu; (ċ) f'każ li l-ewwel żewġ talbiet ma jintlaqgħux jew b'mod sussidjarju għalihom, issib li l-ħatra ta' kontrollur m'għadhiex meħtieġa u dan fid-dawl tal-ħatra tal-avukat Robert Tufigno bħala stralċjarju, liema ħatra, għall-finijiet tal-artikolu 29(4) tal-Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta, iżżomm lid-ditta mħarrka milli tista' tkun kontrollur u li twettaq dawk il-funzjonijiet; u (d) fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet hawn imsemmija, tordna lill-Awtorita' mħarrka biex tħassar il-ħatra mogħtija lid-ditta mħarrka fil-31 ta' Jannar, 2003;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Jannar, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mid-ditta mħarrka fil-5 ta' Frar, 2007, li bih laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li jonqos fl-attur Dottor Michele Martone l-interess li jagħmel il-kawża ladarba huwa bigħ jew ittrasferixxa l-ishma kollha li huwa kellu fil-kumpannija Malta & Europe Hotels Limited. Żiedet tgħid li jonqos l-interess ġuridiku wkoll fl-attur l-ieħor Massimiliano Martone għax ma jirrappreżentax lill-imsemmija kumpannija. Qalet li l-ġudizzju mhux sħiħ għaliex l-

awtoritajiet governativi messhom kienu parti fil-kawża. Fuq kollox, l-azzjoni attriċi waqgħet biż-żmien tal-erba' xhur dekadenza skond l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqgħet ukoll fil-mertu billi meriet punti ta' fatt u ta' dritt imsemmija mill-atturi;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fil-5 ta' Frar, 2007, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi, b'mod preliminari, billi qalet li, safejn l-azzjoni saret kontra tagħha, waqgħet bil-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ġunju, 2009, li bih ordnat li qabel kull ħaġa oħra, ssir it-trattazzjoni tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tad-ditta mħarrka;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Lulju, 2009, fuq id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tad-ditta mħarrka dak inhar tas-smigħ;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tad-ditta mħarrka waqt is-smigħ tal-4 ta' Novembru, 2009 u d-degriet tagha ta' dak inhar li bih tawlet iż-żmien li fih l-istess ditta mħarrka setgħet tressaq il-provi li kellha dwar it-tielet eċċezzjoni tagħha;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Jannar, 2010[1] li bih ordnat li l-kawża titħalla għat-trattazzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tad-ditta mħarrka, wara li din reġgħet naqset milli tressaq il-provi li qalet li kellha dwar l-istess;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-13 ta' April, 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[1] Paġ. 56 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta’ April, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tad-ditta mħarrka;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għat-tħassir ta’ ħatra ta’ kontrollur ta’ kumpannija billi tali ħatra ma saritx kif kellha ssir. L-atturi, li jidhru bħala azzjonisti ta’ kumpannija Malta & Europe Hotels Limited (aktar ’il quddiem imsejħa “MEH”) jgħidu li l-ħatra tad-ditta mħarrka bħala kontrollur tal-kumpannija saret ħażin għaliex ma kienx hemm bżonnha, għaliex id-ditta mħarrka ma setgħetx tinħatat bħala kontrollu ladarba m’għandhiex personalita’ ġuridika u m’hijiex persuna fiżika u wkoll għaliex fiż-żmien tal-ħatra diġa’ kien hemm stralċjarju maħtur biex jillikwida u jxolji lill-istess MEH. Qegħdin jitolbu li l-Qorti ssib li l-ħatra tad-ditta mħarrka bħala kontrollur kienet waħda ħażina;

Illi d-ditta mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qalet li jonqos fl-attur Dottor Michele Martone l-interess li jagħmel il-kawża ladarba huwa bigħ jew ittrasferixxa l-ishma kollha li huwa kellu fil-kumpannija MEH. Żiedet tgħid li jonqos l-interess ġuridiku wkoll fl-attur l-ieħor Massimiliano Martone għax ma jirrappreżentax lill-imsemmija kumpannija. Qalet li l-ġudizzju mhux sħiħ għaliex l-awtoritajiet governativi messhom kienu parti fil-kawża. Fuq kollox, l-azzjoni attriċi waqgħet biż-żmien tal-erba’ xhur dekadenza skond l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Laqgħet ukoll fil-mertu billi meriet punti ta’ fatt u ta’ dritt imsemmija mill-atturi;

Illi l-Awtorita’ mħarrka laqgħet billi qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet billi għadda ż-żmien li fih setgħet saret skond l-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Laqgħet ukoll b’eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tad-ditta mħarrka dwar jekk l-atturi għandhomx l-interess ġuridiku li jressqu din il-kawża;

Illi r-raġuni mogħtija mid-ditta mħarrka biex issejjes tali azzjoni hi li, fil-każ ta' Dottor Michele Martone, dan ma kienx għadu azzjonist ta' MEH, filwaqt li, fil-każ ta' ibnu Massimiliano Martone, dan ma kienx jirrappreżenta lil MEH;
Illi għalkemm dwar dawn l-eċċezzjonijiet, id-ditta mħarrka għall-bidu qalet li kellha provi xi tressaq, fl-aħħar mill-aħħar ma ressqet xejn. Fil-każ ta' eċċezzjoni minnhom (dik relativa għall-attur Michele Martone) saħansitra iddikjarat, fi stadju aktar 'il quddiem, li kienet qiegħda tistrieħ fuq id-dokumenti mressqin mill-atturi nfushom. Filwaqt li dwar l-eċċezzjoni l-oħra (dwar Massimiliano Martone) naqset li tressaq xi prova;

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eċċezzjonijiet taħt eżami tajjeb jingħad li l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[2];

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[3], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[4]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[5];

---

[2] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**);
[3] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[4] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[5] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)

Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawza[6];

Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawża[7], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[8];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, u jista' jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[9], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[10];

Illi fil-każ tal-lum, iż-żewġ atturi qegħdin iressqu din il-kawża fil-kwalita' tagħhom ta' azzjonisti ta' MEH. Anzi, jikkwalifikaw lilhom infushom bħala "*majority shareholders*". Ladarba d-ditta mħarrka tikkontesta l-interess tal-atturi li jressqu l-kawża, kien jaqa' fuqha li ssostni r-raġuni li għaliha tgħid li kien jonqos tali interess. Kif ingħad, filwaqt li fir-rigward tal-attur Michele Martone tgħid li dan ma fadallu l-ebda sehem fil-kumpannija, fil-każ ta' ibnu Massimiliano tgħid li ma kienx jirrappreżenta lil MEH;

Illi mill-provi mressqa s'issa fl-atti[11], jidher li l-attur Dottor Michele Martone tassew huwa wieħed mill-azzjonisti ta' MEH. Dan għaliex jidher li, f'xi żmien fl-1972, huwa kien kiseb l-ishma ta' waħda mill-azzjonisti ewlenin (jiġifieri

---

[6] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**).

[7] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija

[8] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et***

[9] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)

[10] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)

[11] Ara Dok "B", f'paġ. 20 tal-proċess

Nada delle Piane) u ma hemm l-ebda dokument (fl-atti tal-kawża) li juri li huwa reġa' iddispona minnhom. Għall-kuntrarju, minn dak li joħroġ fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' April, 2004[12], (liema sentenza tissemma wkoll fid-dokument "B" mehmuż mar-Rikors Maħluf) jirriżulta tabilħaqq li l-attur Michele Martone kien għadu azzjonist ta' MEH bis-saħħa tal-ishma li huwa kien kiseb mingħand l-imsemmija delle Piane, u dan minbarra l-ishma li kien diġa' kellu u li għaddihom lil ibnu l-attur Massimiliano Martone f'Mejju tal-1991. Ladarba l-eċċezzjoni tad-ditta mħarrka tistrieħ fuq din il-premessa kategorika, jiġi li l-atti tal-kawża jmieru 'l dik il-premessa u għalhekk l-eċċezzjoni – li ma tinbena fuq l-ebda premessa oħra – ma tistax titqies mistħoqqa;

Illi għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel eċċezzjoni preliminari m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi dwar il-kwestjoni tal-interess ġuridiku fir-rigward tal-attur Massimiliano Martone, d-ditta mħarrka jidher li ssejjes l-eċċezzjoni tagħha fuq jekk għandux tassew ir-rappreżentanza tal-kumpannija MEH, u mhux dwar jekk huwiex tassew azzjonist tagħha. Issa, kif tajjeb qalet l-għaref difensur tal-atturi waqt it-trattazzjoni, din l-azzjoni li ressqu l-atturi saret f'isimhom proprju bħala azzjonisti ta' MEH u mhux in rappreżentanza tagħha. Skond kif tenniet l-istess avukat, l-azzjoni hija waħda mibnija fuq l-interess li l-atturi bħala azzjonisti jistgħu jressqu fejn xi ħaġa li ssir fil-kumpannija li fiha jkollhom azzjonijiet tkun ta' ħsara jew preġudizzju għall-interessi tagħhom bħala azzjonisti. Ma hemmx bżonn f'każ bħal dan li wieħed jistħarreġ (kif trid l-eċċezzjoni preliminari taħt eżami) jekk kemm-il darba l-parti attriċi kellhiex ukoll is-setgħa li tidher fl-isem tal-kumpannija li tagħha tkun azzjonist;

Illi f'dan ir-rigward ukoll u biex il-Qorti ma toqgħodx tidħol fi kwestjonijiet oħrajn li x'aktarx imissha tistħarreġ dwarhom aktar 'il quddiem, il-Qorti qiegħda tasal għall-

[12] App. Ċiv. 1707/93 fil-kawża fl-ismijiet ***Herbert Baldacchino noe vs Cecil Paċe et noe*** (Rikors ta' Ritrattazzjoni dwar sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25.2.2000)

fehma li lanqas din it-tieni eċċezzjoni preliminari ma hija waħda mistħoqqa u m'hijiex sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari** tad-ditta mħarrka, bl-ispejjeż kontra tagħha, u ssib li l-atturi għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ biex iressqu din l-azzjoni; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bit-trattazzjoni u t-tressiq tal-provi meħtieġa.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------